

Brussell, 6 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13569/25

CDR 75

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar żewġ membri u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Latvja, fil-Kumitat tar-Regġuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata d-19 ta' Awwissu 2025¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Regġuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Aivars OKMANIS u s-Sur Dainis TURLAIS, membri fil-Kumitat tar-Regġuni, ġew proposti għall-ħatra u nħatru. Permezz ta' ittra tad-19 ta' Awwissu 2025², is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Regġuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sa Justīne PANTELĒJEVA, membru supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni.

¹ 12285/25.

² 12291/25.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Aivars OKMANIS u s-Sur Dainis TURLAIS, il-Gvern Latvjan ippropona ³lis-Sa Mairita LŪSE, *Deputāte, Rīgas dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill tal-belt ta' Riga), u s-Sur Jānis ROZENBERGS, *Deputāts, Cēsu novada pašvaldības dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Cesis), bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
4. Għall-fini tas-sostitutuzzjoni tas-Sa Justīne PANTELĒJEVA, il-Gvern Latvjan ippropona lis-Sur Leons LĪDUMS³, *Deputāts, Aizkraukles novada pašvaldības dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Aizkraukle), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
5. Barra minn hekk, u għall-fini li jimtela l-post vakanti mis-Sur Jānis ROZENBERGS, il-Gvern Latvjan ippropona³ lis-Sur Edgars IKSTENS, *Deputāts, Rīgas dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill tal-belt ta' Riga), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 13568/25 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.

³ 13347/25.